



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10179/22

COTER 153
COPS 285
RELEX 836
CT 121

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9512/22 + COR 1 + COR 2	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill: Nindirizzaw id-dimensjoni esterna ta' theddida terroristika u estremista vjolenti dejjem tevolvi

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kif Nindirizzaw id-dimensjoni esterna ta' theddida terroristika u estremista vjolenti dejjem tevolvi, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Ġunju 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill: Nindirizzaw id-dimensjoni esterna ta' theddida terroristika u estremista vjolenti dejjem tevolvi

Introduzzjoni

1. F'konformità mal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża approvata mill-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Marzu, il-Kunsill jagħraf li t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, fil-forom kollha tagħhom u irrispettivament mill-oriġini tagħhom, ikomplu joħolqu sfida kbira f'ambjent strateġiku diġà milqut minn għadd ta' bidliet ġeopolitiċi u instabbiltà dejjem akbar. F'dan is-sens, huwa jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni soda tiegħu li jħares liċ-ċittadini tal-UE minn dan it-theddid u li jqiegħed lill-UE f'pożizzjoni li ssir fornitur tas-sigurtà aktar b'saħħtu u aktar kapaċi, filwaqt li ttenni l-valuri u l-prinċipji fundamentali tagħha f'konformità mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali. Għal dan il-għan, il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa għal involviment multilaterali akbar u kooperazzjoni msaħħa ma' sħab internazzjonali strateġiċi fejn dan jaqdi l-interessi tal-UE.
2. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fil-kundanna tiegħu bl-aktar mod qawwi possibbli tal-aggressjoni militari mhux provokata, mhux ġustifikata u illegali kontra l-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa li tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali, u l-prinċipji tal-Karta tan-NU, u ddgħajef is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropej u globali. Jesprimi tħassib serju dwar l-implikazzjonijiet possibbli fit-tul li din l-aggressjoni jista' jkollha fuq it-theddida terroristika kemm fl-UE kif ukoll globalment.

3. Il-Kunsill jenfasizza r-rilevanza dejjiema tal-valutazzjoni u l-impenji li jirriżultaw mill-Konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2020 dwar l-Azzjoni Esterna tal-UE dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti. Flimkien mal-Konklużjonijiet preċedenti tad-9 ta' Frar 2015 u d-19 ta' Ġunju 2017, u f'konformità mal-Istrateġija tal-UE Kontra t-Terroriżmu tal-2005, l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà u l-Istrateġija Globali tal-UE tal-2016 kif ukoll l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-24 ta' Lulju 2020, u l-Aġenda tal-UE Kontra t-Terroriżmu tad-9 ta' Diċembru 2020, jirrappreżentaw qafas politiku għaqli u konsistenti għal impenn Ewropew ambizzjuż fix-xena globali.
4. Il-Konklużjonijiet il-ġodda li l-Kunsill adotta llum għalhekk għandhom l-għan li jiżguraw li l-gwida politika li tmexxi l-azzjoni komuni tagħna tibqa' aġġustata għar-realtà tal-esponiment tal-UE f'dak li jirrigwarda s-sigurtà. Għal dan il-għan, huma jiffukaw fuq evoluzzjonijiet sinifikanti reċenti fin-natura tat-theddida nnifisha, ukoll fil-kuntest globali li fih topera l-UE sabiex tipprevjeni u tiġġieled kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti.

Theddida terroristika internazzjonali dejjem tevolvi

5. Il-Kunsill jissottolinja li d-Da'esh, al-Qaeda u l-affiljati tagħhom għadhom jirrappreżentaw l-aktar theddida terroristika prominenti madwar id-dinja. Minkejja t-telf tal-kontroll territorjali tiegħu fuq partijiet tal-Iraq u s-Sirja, kif ukoll l-attakki kontinwi u sinifikanti kontra t-tmexxija tiegħu, Da'esh intenzjonalment reġa' lura għal ribelljoni moħbija filwaqt li qed jipprova jkompli jiddestabbilizza ż-żewġ pajjiżi, jillibera l-għallieda detenuti tiegħu, iżomm l-influwenza u d-dominazzjoni tiegħu fuq is-sostenituri lokali tiegħu, jippreserva s-sorsi ta' finanzjament tiegħu, u eventwalment jerġa' jibni kapaċità ta' projezzjoni ta' theddid. F'dan l-isfond, il-Kunsill jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-approċċ komprensiv tagħhom u jżommu impenn sod fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fl-Iraq u s-Sirja, flimkien mal-Koalizzjoni Globali kontra Da'esh u sħab ewlenin oħra, filwaqt li jindirizzaw b'mod determinat it-theddida kkawżata mill-espansjoni tan-networks globali taż-żewġ organizzazzjonijiet terroristiċi. Il-Kunsill itenni wkoll il-ħtieġa għal soluzzjoni politika għall-konflitt fis-Sirja f'konformità mar-Risoluzzjoni 2254 tal-KSNU.

6. Il-Kunsill jinnota li diversi reġjuni fl-Afrika qed jesperjenzaw espansjoni partikolarment inkwetanti tat-theddida terroristika u estremista vjolenti, inkluż fis-Saħel b'riskju ta' tixrid lejn il-Punent tal-Afrika u l-Golf tal-Guinea. F'dan l-isfond, huwa jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għal inizjattivi mmexxija mill-Afrika li għandhom l-għan li jpoġġu l-prevenzjoni u l-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili fil-qalba tal-isforzi tagħhom kontra t-terroriżmu, kif iddikjarat matul is-Sitt Summit bejn l-UE u l-UA li sar fi Brussell fis-17 u t-18 ta' Frar 2022. Kemm Da'esh kif ukoll al-Qaeda rnexxielhom jisfruttaw nuqqasijiet tas-sigurtà, ekonomiċi, soċjali u ta' governanza sabiex irawmu l-espansjoni territorjali tal-affiljati lokali tagħhom. Il-Kunsill jinnota bi tħassib kbir it-tibdil tal-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt f'għadd akbar ta' pajjiżi, u l-militarizzazzjoni u t-tkattir dejjem jiżdiedu ta' atturi vjolenti f'reġjuni vulnerabbli. Minn din il-perspettiva, huwa jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li l-iskjerament ta' kumpanniji militari allegatament privati bħall-grupp Wagner iffinanzjat mir-Russja li, bl-iskuża tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, jinvolvi ruħu fi predazzjoni tar-riżorsi naturali lokali, jikser b'mod serju d-drittijiet tal-bniedem, u jaggrava t-tensjonijiet etniċi, jaqdi l-interessi ta' Da'esh, al-Qaeda u l-gruppi u l-organizzazzjonijiet affiljati tagħhom fit-tul.

7. It-teħid tal-kontroll mit-Taliban fl-Afganistan iqajjem tħassib sinifikanti għall-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'effett konsegwenzjali reġjonali potenzjali u l-qawmien mill-ġdid tal-Provinċja ta' Khorasan ta' Da'esh li issa tirrappreżenta l-aktar theddida terroristika immedjata fil-pajjiż. Il-Kunsill itenni wkoll tħassib serju dwar il-konnessjonijiet tat-Taliban kemm mal-qalba ta' al-Qaeda kif ukoll mal-fergħa reġjonali tagħha (al-Qaeda fis-Sottokontinent Indjan - AQIS), filwaqt li jivvaluta li daww il-gruppi x'aktarx japprofittaw mis-sitwazzjoni attwali fit-tul sabiex jiksibu u jiżguraw finanzjament inkluż billi jinvolvu ruħhom f'diversi tipi ta' traffikar illeċitu, u jattiraw rekluti ġodda, li jista' jwassal għal kapaċità mġedda li joħolqu theddida diretta għall-interessi Ewropej. Huwa jfakkar fit-talba inekwivoka li t-Taliban iwaqqaf ir-rabtiet diretti u indiretti kollha mat-terroriżmu internazzjonali, u ser ikompli jissorvelja s-sitwazzjoni mill-qrib, f'konformità mal-Konklużjonijiet tiegħu adottati fil-15 ta' Settembru 2021, u f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2593 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Filwaqt li jieħu nota tal-miżuri rakkomandati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE Kontra t-Terroriżmu fl-Afganistan, il-Kunsill jinsab lest li jimmobilizza l-ġhodod rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tiegħu biex jiżgura li l-Afganistan ma jerġax isir refuġju sikur għall-organizzazzjonijiet terroristiċi.
8. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-isfida kritika ppreżentata mill-kapaċità ta' Da'esh u al-Qaeda li jattiraw numru bla preċedent ta' sostenituri madwar id-dinja. Minkejja l-ostakli militari li sofrew iż-żewġ organizzazzjonijiet fl-imġhoddi reċenti, il-preżenza kontinwa ta' bosta ġellieda terroristi, fil-biċċa l-kbira tagħhom lokali iżda wkoll barranin, f'ħafna reġjuni, speċjalment fl-Iraq u s-Sirja, għadha tirrappreżenta riskju kbir għas-sigurtà. Filwaqt li jinnota li ma jista' jkun hemm ebda rebħa dejjiema kontra dawn il-gruppi sakemm din il-kwistjoni ma tiġi indirizzata b'mod adegwat, il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jiżviluppaw approċċ komprensiv bil-għan li jiġi evitat ir-reklutaġġ ta' ġellieda terroristi fost il-popolazzjonijiet vulnerabbli, inkluż iż-żgħażaġħ, billi jiġi indirizzati l-ħtiġijiet umanitarji, soċjali u ta' żvilupp. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tiġi evitata r-rilokazzjoni bil-moħbi ta' ġellieda terroristi u l-familji tagħhom, li jiġi promoss l-irfiġh tar-responsabbiltà, jiġi definiti strateġiji ta' deradikalizzazzjoni, riabilitazzjoni u reintegrazzjoni mfassla apposta, jiġi żgurat monitoraġġ xieraq matul u wara d-detenzjoni ta' daww misjuba haġja ta' terroriżmu, fejn meħtieġ, kif ukoll li jiġi offrut aktar appoġġ lill-pajjiżi li huma primarjament milquta mill-fenomeni ta' "persuni rimpatrijati".

9. Il-Kunsill jirrikonoxxi t-theddida dejjem tikber li ġejja mill-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu tal-lemin, li tirrappreżenta sfida globali serja għall-UE u l-Istati Membri tagħha. Il-konnessjonijiet tranżnazzjonali bejn gruppi u individwi estremisti vjolenti tal-lemin marru lil hinn minn sempliċi komunikazzjoni fuq l-Internet, u issa jinvolve koordinazzjoni, finanzjament, rekrutaġġ, u tattiki operazzjonali kondiviżi. Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota għadd dejjem jikber ta' azzjonijiet vjolenti assoċjati mal-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu tax-xellug li wkoll jeħtieġu skrutinju mill-qrib kontinwu. Għalhekk huwa jappella għat-trawwim ta' fehim komuni tat-theddida u għat-tisħiħ tal-impenn internazzjonali fil-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu motivati politikament, inkluż fl-oqsma ta' kontronarrattivi, l-iskambju ta' informazzjoni, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, u t-tixrid tal-aħjar prattiki, fost oħrajn billi jitrawwu l-ħsieb kritiku, il-litteriżmu diġitali, u s-sikurezza pubblika online u billi jiġu promossi d-djalogu interkulturali u t-tolleranza permezz tal-edukazzjoni fil-livelli kollha.
10. Il-Kunsill jesprimi tħassib dwar it-theddida dejjem tikber maħluqa minn terroriżmu lokali u attacchi mwettqa minn atturi solitari. Jinnota li l-organizzazzjonijiet terroristiċi globali involvew ruħhom intenzjonalment fi strateġija ffukata fuq l-ispirazzjoni ta' individwi li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ma jkollhomx rabtiet preċedenti mat-terroriżmu internazzjonali, u prinċipalment jirrikorru għal *modi operandi* rudimentali, u b'hekk ikun aktar diffiċli li jiġu pprevenuti l-azzjonijiet tagħhom. Din l-istrateġija ġiet amplifikata matul il-pandemija tal-COVID-19 li żiedet l-iżolament ta' persuni vulnerabbli u saħħet l-esponiment tagħhom għal fenomenu ta' radikalizzazzjoni li sikwit isseħħ malajr, speċifikament online. Il-Kunsill għaldaqstant jisħaq fuq il-ħtieġa li jibqgħu jiġu investiti sforzi fil-kondiviżjoni tal-analiżi, l-identifikazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni kemm online kif ukoll offline.

11. Il-Kunsill jinnota bi tħassib it-tixrid ta' ideoloġiji estremisti vjolenti li jistgħu jwasslu biex jinbet it-terroriżmu. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu pprevenuti t-tixrid u l-finanzjament ta' kull tip ta' propaganda estremista vjolenti, inkluż ideoloġija Iżlamista estremista vjolenti, li huma inkonsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali li huma fil-qalba tal-valuri u l-prinċipji tal-UE. Għal dan il-għan, il-Kunsill jappella b'mod speċjali biex tiġi indirizzata l-isfida ta' finanzjament mhux trasparenti li ġej minn atturi barranin li jrawmu influwenza mhux mixtieqa fuq organizzazzjonijiet ċivili u reliġjużi fi ħdan l-UE u fuq skala globali. Jappella wkoll biex jiġu identifikati modi effettivi biex tiġi indirizzata t-theddida minn organizzazzjonijiet, individwi u entitajiet li l-attivitajiet tagħhom għandhom l-għan dirett li jirradikalizzaw, jindottrinaw, u jispiraw lin-nies biex iwettqu atti vjolenti u terroristiċi.

Użu ħażin ta' teknoloġiji ġodda għal skop terroristiku

12. Il-Kunsill jagħraf li t-teknoloġiji l-ġodda l-ewwel u qabel kollox jirrappreżentaw opportunità tremenda għall-ekonomija u s-soċjetà tal-UE, u jistgħu wkoll jiffaċilitaw l-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti. Fl-istess waqt, jisħaq ukoll dwar il-ħtieġa li jitqies it-tħassib leġittimu dwar is-sigurtà li jirriżulta mill-użu ħażin potenzjali ta' xi wħud minn dawn l-ġhodod minn atturi terroristiċi, bħall-istampar 3D, is-sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAS), eċċ. Għal dan il-għan, il-Kunsill ihegġegħ lill-UE żżomm approċċ komprensiv b'diversi partijiet ikkonċernati li jħaddan fih impenn qawwi ma' pajjiżi sħab, fora multilaterali, is-settur privat, id-dinja akkademika u l-parteċipazzjoni sinifikanti tas-soċjetà ċivili inkluż organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u organizzazzjonijiet immexxija min-nisa u ż-żgħażaġh.

13. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza kritika li tiġi ppreservata l-libertà tal-espressjoni u drittijiet fundamentali oħrajn, li jaqdu rwol ewlieni fis-soċjetajiet demokratiċi. Jagħraf li parti sinifikanti mill-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu jeħtieġ li ssir online, fi żmien meta l-organizzazzjonijiet terroristiċi internazzjonali qed jiddependu b'mod sinifikanti minn għodod diġitali biex ixerrdu l-propaganda tagħhom, jirreklutaw u jespandu l-impronta tagħhom fuq l-Internet. Filwaqt li l-adozzjoni tar-Regolament dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online u l-adozzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali qiegħdu lill-UE fuq quddiem nett ta' din il-ġlieda, l-iżviluppi tekniċi jkomplu joħolqu dgħufijiet li l-gruppi terroristiċi wrew kull intenzjoni li jieħdu vantaġġ minnhom sabiex iżommu l-preżenza tagħhom online. Dan jinkludi attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi permezz tal-użu ħażin ta' pjattaformi iżgħar, sikwit imsejsa fuq teknoloġija blockchain u l-web deċentralizzat, li jagħmlu s-sejbien u, fejn xieraq, it-trażżin ta' kontenut illegali saħansitra aktar diffiċli. F'dan l-isfond, il-Kunsill jappella lill-industrija tat-teknoloġija u speċjalment lill-pjattaformi online, irrispettivament mid-daqs tagħhom, biex jerfgħu aktar responsabbiltà għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-tixrid, inkluż permezz tal-amplifikazzjoni algoritmika tiegħu, ta' kontenut terroristiku u estremist vjolenti online.

14. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza kritika tat-tixjin tas-sorsi tal-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż permezz ta' traffikar illeċitu bħal ta' proprjetà kulturali, f'konformità mal-istandards tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) u tal-UE. Jinnota wkoll bi tħassib ir-riskju assoċjat maż-żieda fl-użu ta' forom ġodda u anonimi ta' pagamenti li jinvolve flus elettroniċi, kryptoassi u teknoloġiji blockchain, flus mobbli, u kards imħallsin minn qabel mit-terroristi. Għalhekk huwa jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jappoġġaw lill-pajjiżi sħab biex iżidu l-konformità mar-rekwiżiti tal-UE u tal-FATF u jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw l-anonimità tat-tranżazzjonijiet, billi jittraċċaw, jidentifikaw, jissanzjonaw u jżarmaw b'mod effettiv it-trażmettitori tal-flus illegali. Għal dak il-għan huwa jinkoraġġixxi kooperazzjoni aktar attiva mill-industrija tal-Fintech ma' unitajiet ta' intelligence finanzjarja, servizzi ta' infurzar tal-liġi u ta' investigazzjoni ġudizzjarja. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi bħala sħab ċentrali fil-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti. Huwa jtenni wkoll l-importanza li l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili ma jiġux imfixkla jew skoraġġuti, u li jiġi żgurat li l-miżuri għall-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu ma jintużawx ħażin biex jimmiraw jew jikkriminalizzaw atturi umanitarji leġittimi jew difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Sadanittant, il-Kunsill jappella lill-Istati Membri biex jikkooperaw bis-sħiħ mal-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ permezz ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju kif ukoll permezz ta' miżuri mmirati u proporzjonati sabiex jiġi evitat kwalunkwe abbuż mit-terroristi u għalihom.

Il-ħtieġa li l-UE tafferma mill-ġdid il-valuri u l-prinċipji fundamentali tagħha

15. Il-Kunsill jiddispjaċih dwar xejra ta' politiċizzazzjoni li qed tikber fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Minn naħa, l-organizzazzjonijiet terroristiċi qed jippruvaw dejjem aktar jikkapitalizzaw fuq sistemi ta' governanza dgħajfa, speċjalment fl-aktar pajjiżi fraġli, sabiex jimponu d-dominanza tagħhom, jattiraw appoġġ mill-popolazzjonijiet lokali, u juru lilhom infushom bħala alternattivi aktar leġittimi u effiċjenti għall-gvernijiet. B'mod komparabbli, il-kapaċità tal-komunità internazzjonali li tippreżenta front magħqud kontra t-terroriżmu għadha mxekkla minn tentattivi mhux moħbija minn reġimi prinċipalment awtoritarji li għandhom l-għan li jużaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu bħala skuża biex jiksibu l-għanijiet politiċi tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxu biex jaggravaw il-polarizzazzjoni f'fora multilaterali dwar din il-kwistjoni. F'dan l-isfond, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm oppożizzjoni qawwija kontra kwalunkwe tentattiv ta' politiċizzazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż f'fora internazzjonali. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħmlu hilitom biex jippreservaw u jippromwovu approċċ ibbażat fuq fatti oġġettivi u l-evoluzzjoni tat-theddida, filwaqt li jqisu wkoll li l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu b'mod komprensiv jirrikjedu t-trawwim ta' mudelli ta' governanza sodi, inklużivi u demokratiċi bbażati fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.
16. F'dan l-isfond ta' rivalità sistemika dejjem tikber fix-xena globali, il-Kunsill jafferma mill-ġdid b'mod riżolut il-konvinzjoni tiegħu li d-demokrazija, it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont, ir-reattività għal kwistjonijiet ta' ġeneru, kif ukoll il-konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u d-dritt umanitarju internazzjonali huma l-uniku rispons sostenibbli għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. Il-Kunsill jinnota bi tħassib kbir li d-dittatorjati, ir-reġimi militari u awtoritarji qed jiżdiedu f'diversi pajjiżi l-aktar milquta mit-terroriżmu u li hemm evidenza li tali mudelli ta' governanza jaggravaw din it-theddida. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom għalhekk jiżguraw li l-promozzjoni u r-rispett għal dawn il-prinċipji fundamentali jibqgħu l-pedament tal-involviment tagħhom kemm f'kuntesti bilaterali kif ukoll multilaterali filwaqt li jsaħħu r-rabta bejn l-aderenza ma' dawn il-valuri u l-prinċipji u l-assistenza li jipprovdu jew huma lesti li jipprovdu għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti madwar id-dinja.

17. Il-ġlieda kontra l-impunità għal atti mwettqa mit-terroristi u l-iżgurar tar-rikonoxximent u l-assistenza, l-appoġġ u l-kumpens adegwati għall-vittmi huma assolutament kritiċi biex jiġi żgurat li t-theddid terroristiku jkun jista' jiġi indirizzat b'suċċess fit-tul. Il-Kunsill għalhekk jappella għat-twettiq ta' attivitajiet li jibnu l-kapaċità tal-UE mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tas-sħab biex jinvestigaw u jipproċedu b'mod adegwat għal każijiet ta' terroriżmu bir-rispett dovut għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol ewlieni li jista' jkollhom il-vittmi u l-familji tagħhom, inkluż fil-ġlieda kontra l-propaganda terroristika, huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tiġi promossa s-solidarjetà internazzjonali u jiġi żgurat li dawn jiġu ttrattati b'dinjità u rispett.
18. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-konvinzjoni tiegħu li t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti mhumiex inevitabbiltà. Biex dawn jingħelbu jeħtieġ li jkun hemm sforz globali konsistenti u komprensiv li ma jistax jiddependi biss fuq azzjoni militari, iżda jinkludi wkoll soċjetà kollha kemm hi mmexxija minn persuni ċivili, rispons li għandu l-għan li jindirizza l-kawżi ewlenin tat-theddida, inkluż l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi, in-nuqqas ta' governanza tajba, kif ukoll l-impatt tal-attivitajiet tal-kriminalità organizzata u t-tibdil fil-klima. Il-ħarsien tal-wirt kulturali jista' jkollu wkoll rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-paċi, id-demokrazija, l-iżvilupp sostenibbli u l-prevenzjoni tat-terroriżmu billi jrawwem it-tolleranza, id-djalogu u l-fehim reċiproku. Il-Kunsill jirrikonoxxi li dan l-isforz globali għandu jinvolvi dimensjoni b'saħħitha sensittiva għall-ġeneru, bil-ħsieb li jiġi indirizzat l-impatt tal-istereotipi marbuta mal-ġeneru u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fuq it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, filwaqt li tiġi żgurata l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva u sinifikanti tan-nisa fl-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. Dan l-approċċ komprensiv għandu jinkludi fost l-oħrajn assistenza umanitarja fl-aktar kuntesti kritiċi, għajjnuna għall-istabbilizzazzjoni f'pajjiżi li ħerġin minn kriżi, kooperazzjoni għall-iżvilupp u investiment akbar fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti permezz ta' sħubijiet imsaħħa ma' atturi lokali. Filwaqt li jibqa' impenjat li jagħmel dan, il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza tas-sjieda lokali u li r-responsabbiltà primarja ta' din il-ġlieda hija tal-gvernijiet tal-pajjiżi li huma l-ewwelnett ikkonfrontati b'dan it-theddid.

19. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħidma kritika mwettqa minn atturi umanitarji internazzjonali u mhux governattivi sabiex jipprovdu assistenza vitali lill-popolazzjonijiet fil-bżonn affettwati minn konflitt u instabbiltà, filwaqt li jinnota li din l-għajnuna umanitarja tikkontribwixxi biex fl-aħħar mill-aħħar jiġi evitat li terġa' tfeġġ it-theddida f'żoni liberati mill-kontroll ta' organizzazzjonijiet terroristiċi. Minn din il-perspettiva, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-konvinzjoni tiegħu li l-politika tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-azzjoni umanitarja bbażati fuq il-prinċipji tal-umanità, l-imparzjalità, in-newtralità u l-indipendenza jistgħu jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. F'konformità mal-impenji meħuda fil-qafas tal-Forum Umanitarju Ewropew li sar mill-21 sat-23 ta' Marzu 2022, il-Kunsill itenni d-determinazzjoni tiegħu li jissalvagwardja l-ispazju umanitarju u jadotta miżuri konkreti bil-għan li jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv potenzjali tal-azzjonijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu fuq attivitajiet umanitarji bbażati fuq il-prinċipji mingħajr ma tiddgħajjef l-integrità tal-arkitettura tal-UE tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. Dawn il-miżuri għandhom, fost l-oħrajn, jinvolvu soluzzjonijiet konkreti biex jiffaċilitaw l-aċċess finanzjarju tal-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, jindirizzaw id-diffikultajiet li jirriżultaw minn imġiba konformi żżejjed mis-settur bankarju privat, u jipprovdu aktar gwida lill-organizzazzjonijiet umanitarji fir-rigward tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom skont ir-reġimi differenti ta' sanzjonijiet tal-UE tal-ġlieda kontra t-terroriżmu.
20. Filwaqt li jinnota li l-involvement internazzjonali tal-UE kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti qed jiddgħajjef minħabba kampanji dejjem aktar aggressivi ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni, inkluż id-diżinformazzjoni, l-aħbarijiet foloz u t-tixrid ta' teoriji ta' kospirazzjoni, il-Kunsill jirrikonoxxi li azzjonijiet ta' suċċess f'dan il-qasam jeħtieġu li jiġu appoġġati minn komunikazzjoni strateġika, u bit-tiżiż tar-reżiljenza tal-komunità. Għalhekk huwa meħtieġ sforz ikkoordinat biex jiġu deskritti u spjegati aħjar l-oġettivi strateġiċi ewlenin tal-UE, tiġi kkomunikata narrattiva pożittiva u jkun hemm involvement mal-udjenzi ta' pajjiżi terzi u biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni.

L-espansjoni tar-rwol tal-UE fix-xena globali tal-ġlieda kontra t-terroriżmu

21. Filwaqt li jibni fuq il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jsaħħu l-impenn internazzjonali tagħhom kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, filwaqt li jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex jikkontribwixxu għal rispons kollettiv adegwat għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti u jiżguraw li jkun jaqbel mal-prijoritajiet u l-valuri tagħhom, abbażi tar-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali. Filwaqt li n-natura tat-theddid timponi neċessarjament dimensjoni globali għal dan l-impenn, il-prijoritajiet segwiti mill-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom primarjament ikunu ggwidati mir-realtà tal-esponiment tagħhom għas-sigurtà. Għalhekk għandhom jagħmlu hilihom biex jagħtu attenzjoni speċifika lill-viċinat qrib tagħhom, inkluż is-Saħel, l-Afrika ta' Fuq, il-Levante u l-Lvant tal-Mediterran. Il-kooperazzjoni mal-Balkani tal-Punent għandha tissaħħaħ aktar, inkluż permezz tal-implimentazzjoni kontinwa tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. L-UE għandha żżomm ukoll enfasi fuq żoni speċifiċi fejn il-preżenza ta' organizzazzjonijiet terroristiċi u estremisti vjolenti internazzjonali tista' eventwalment tkun ta' theddida diretta għas-sigurtà Ewropea, inkluż l-Asja Ċentrali u r-reġjun Indo-Paċifiku.
22. Impenn bilaterali u multilaterali b'saħħtu u bbażat fuq il-prinċipji huwa karatteristika ċentrali tal-politika globali tal-UE tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. F'dan il-qafas, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li titfittex u tinżamm kooperazzjoni intensiva mas-sħab bilaterali strateġiċi, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza ewlenija tad-djalogi politiċi tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u s-sigurtà. Huwa jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tan-Nazzjonijiet Uniti f'dan il-qasam u jilqa' l-isforzi li saru mill-UE biex issaħħaħ is-sħubija strateġika tagħha mal-korpi rilevanti tan-NU. F'konformità mal-prinċipji gwida maqbula mtennija wkoll fil-Boxxla Strateġika, il-Kunsill barra minn hekk jenfasizza l-ħtieġa li tiġi approfondita s-sħubija strateġika ta' benefiċċju u ta' tisħiħ reċiproku man-NATO, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet konġunti ta' Varsavja (2016) u Brussell (2018), fost l-oħrajn fl-oqsma tar-reżiljenza kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi sħab. Barra minn hekk, huwa jappoġġa involviment aktar sostnut tal-UE fejn jidħlu organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, inkluż l-OSKE, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Interpol, u fora b'diversi partijiet ikkonċernati bħall-Forum tal-UE dwar l-Internet u s-Sejħa ta' Christchurch.

23. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jsaħħu l-koordinazzjoni tagħhom u jiżviluppaw approċċ strateġiku mmirat lejn it-tisħiħ tal-kapaċità kollettiva tagħhom li jinfluwenzaw l-orjentazzjonijiet strateġiċi ta' dawn l-organizzazzjonijiet. Huwa jilqa' t-tentattiv b'suċċess tal-UE għall-kopresidenza tal-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu (GCTF) fejn l-UE tista' tgħin fit-tfassil tal-aġenda dwar il-politika u l-prattiki internazzjonali kontra t-terroriżmu u tippromwovi l-valuri tal-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-Kunsill jinnota li dan għandu jwassal għal aktar appoġġ u impenn strateġiku lejn din l-organizzazzjoni kif ukoll lejn l-istituzzjonijiet "ispirati" tagħha (il-Fond Globali għall-Involviment u r-Reżiljenza tal-Komunità, iċ-Ċentru Hedayah u l-Istitut Internazzjonali għall-Ġustizzja u għall-Istat tad-Dritt). L-UE għandha wkoll tibqa' impenjata ħafna fil-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh, il-gruppi ta' ħidma tagħha u l-Grupp Fokali dwar l-Afrika li għadu kif ġie stabbilit, kif ukoll fil-Koalizzjoni għas-Sahel, bil-ħsieb li jiġi implimentat approċċ koordinat u komprensiv għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. Dan l-impenn internazzjonali għandu jkun iggwidat ukoll mill-ħtieġa li jitrawmu sinerġiji fost diversi inizjattivi internazzjonali, reġjonali u nazzjonali li għandhom l-għan li jiġġieldu t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, u jevitaw id-duplikazzjoni tal-isforzi.
24. Il-Kunsill jilqa' l-kontribut siewi pprovdut min-network ta' Esperti Kontra t-Terroriżmu/tas-Sigurtà mqiegħda f'delegazzjonijiet magħżula tal-UE, filwaqt li jinnota li dan in-network ippermetta lill-UE tespandi l-firxa globali tagħha, il-kapaċità tagħha li tiżviluppa valutazzjonijiet aktar preċiżi tas-sitwazzjonijiet lokali, u li ssostni l-involviment bilaterali u multilaterali. Filwaqt li dan in-network kompli jespandi matul dawn l-aħħar snin, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li tissaħħaħ l-kapaċità tiegħu u li d-daqs tiegħu jiżdied aktar sabiex jirrispondi għall-iżviluppi ġeopolitiċi u l-ħtiġijiet strateġiċi. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi u r-riflessjonijiet reċenti tas-SEAE f'dan ir-rigward, inkluż fir-rigward tal-ambitu ġeografiku u l-mandat tan-network u l-koordinazzjoni tiegħu mal-azzjonijiet tal-Istati Membri.

25. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-kontribut siewi pprovdut mill-Missjonijiet ċivili tal-PSDK, fil-qafas tal-approċċ integrat tal-UE u kif enfasizzat mill-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, fil-mandati rispettivi tagħhom, fit-tisħiħ tas-setturi tas-sigurtà u l-ġustizzja fil-pajjiżi ospitanti u fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom għall-prevenzjoni u l-għieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti b'mod effettiv u f'konformità mal-istat tad-dritt.

Użu aktar strateġiku tar-reġimi ta' sanzjonijiet tal-UE kontra t-terroriżmu

26. Il-Kunsill ifakkar li s-sanzjonijiet kontra t-terroriżmu huma għodda b'saħħitha biex tiġi appoġġata u implimentata l-politika esterna tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Għalhekk huwa jilqa' użu akbar ta' dawn l-istrumenti sabiex b'mod kollettiv tiġi appoġġata azzjoni determinata u ambizzjuża tal-UE permezz ta' deżinjazzjonijiet ġodda, fejn rilevanti u possibbli, li jirriflettu l-evoluzzjoni tat-theddida u jirrispondu għall-emerġenza ta' atturi terroristiċi ġodda.

Il-konformità tal-miżuri restrittivi tal-UE mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt umanitarju internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-proċess ġust u l-istat tad-dritt, tikkostitwixxi l-pedament tal-kredibbiltà u l-effettività tal-politika ta' sanzjonijiet tal-UE. F'dik il-perspettiva, il-Kunsill ifakkar li l-miżuri restrittivi huma mmirati, ikkalibrati bir-reqqa u proporzjonati għall-oġġettivi li jfittxu li jiksbu. Huwa jirrikonoxxi li r-rwol tas-sanzjonijiet irid ikun preventiv, u jimpenja ruħu li jqis bis-sħiħ iċ-ċirkostanzi li qed jevolvu u r-realtà tat-theddida maħluqa mill-entitajiet u l-individwi elenkati bħala parti minn rieżamijiet regolari u jaġġorna l-elencar kif xieraq. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ikompli jilqa' l-miżuri kollha meħuda f'din id-direzzjoni inkluż il-kontribut sinifikanti tal-Uffiċċju tal-Ombudsperson tan-NU li, sa mill-istabbiliment tiegħu, ġab aktar ġustizzja u trasparenza lir-reġim ta' sanzjonijiet tan-NU għad-Da'esh u l-Al-Qaida.

Il-Kunsill jissottolinja l-benefiċċji kondiviżi li jirriżultaw mill-koordinazzjoni ma' atturi internazzjonali oħra, inkluż il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u pajjiżi terzi dwar deżinjazzjonijiet ta' sanzjonijiet. Barra minn hekk, huwa jinkoraġġixxi aktar djalogu u sforzi msaħħa biex jiġi żgurat fehim tajjeb tar-rekwiżiti legali u proċedurali speċifiċi tal-UE, u tiġi evitata l-istrumentalizzazzjoni politika tas-sanzjonijiet fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Implimentazzjoni u segwitu tal-konklużjonijiet

27. Il-Kunsill jesprimi appoġġ qawwi għal sinerġiji akbar bejn id-dimensjonijiet interni u esterni tal-azzjonijiet tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. Huwa jappella wkoll għal sforz kollettiv mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE u l-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet u l-kisba tal-oġettivi deskritti hawn fuq. Dawn il-linji gwida ta' politika għandhom jitqiesu b'mod speċjali filwaqt li jiġi definit l-impenn finanzjarju futur ma' pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali. Għal dan il-għan, u f'konformità mal-oġettiv stabbilit fil-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, il-Kunsill jilqa' t-tnedija ta' rieżami, li għandu jiġi konkluż sal-bidu tal-2023, tal-ġhodod u l-programmi tal-UE li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab kontra t-terroriżmu, sabiex tiżdied l-effettività tagħhom.
28. Il-Kunsill iqis li huwa meħtieġ li dawn il-konklużjonijiet jiġu rieżaminati regolarment biex jiġi żgurat li l-konsiderazzjonijiet politiċi u strateġiċi li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-UE kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti jibqgħu aġġustati għar-realtà tat-theddida.
-